MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Numru. 911/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON CASSAR**

**KONTRA**

**KEVIN SCERRI ta’ 26 sena, iben Carmel u Maria Dolores nee’ Grima, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-7 ta’ Mejju, 1984, residenti fil-fond 21, Flat 3, Triq in-Nazzarenu, Hamrun, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 230 384M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **KEVIN SCERRI** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta’ Awwissu, 2005 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu u/jew xtara

hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' mobile phone tal-marka Nokia li ghandu valur ta' mija u tletin Lira (Lm130.00) ghad-dannu ta' Sinead Marie Curauna;

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer kisser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Anthony Micallef Trigona LL.D. nhar it-22 ta' Lulju, 2003;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dawn il-proceduri jigu rezi sommarji;

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri;

Rat ukoll li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, konsegwentement gie ordnat ukoll *Pre-Sentencing Report*;

Considerando l-ammissjoni tieghu, liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata llum (vide verbal), qieghda ssibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ghalhekk is-suggeriment maghmul fil-Pre-Sentencing Report, ikkonstatat li l-akkuzat jaqbel ma' tali suggeriment fil-konfront tas-servizz fil-komunita', ikkonsidrat ukoll illi Kevin Scerri rritorna r-res furtiva lill-vittma derubata (fir-reat originali).

Qieset pero li minn meta Marietta Lanzon ipprezentat ir-relazzjoni taghha sas-seduta tal-lum, meta regghet fuq ordni tal-Qorti tat rapport verbali tal-andamente tal-imputat, illi l-ordni tal-komunita', stante l-progress ta' l-istess imputat, m'ghadhiex wahda viabbli.

Ghaldaqstant qieghda ssib htija fil-konfront ta' l-Artikoli 334 u 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tillibera lil Kevin Scerri bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi

zmien 3 snin u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------